MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 69

8 ta' Mejju 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 69 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. Il-Kunsillier C. Bartolo kien skużat peress li kien imsiefer.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 68, mingħajr emendi, kif wkoll li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li tkomplew il-kuntatti mal-Korporazzjoni dwar il-Impjiegi u Taħriġ u permezz tal-*Community Work Scheme* ġew assenjati Jason Sciberras (ID 404677M), Charlot Aquilina (ID 544180M) u Kevin Borg (ID 468282M) sabiex jieħdu ħsieb il-Park f'dak li huwa manutenzjoni. L-*Industrial Projects and Services Ltd assenjat* lis-Sur Duminku Vella (352256M) sabiex jaħdem bħala *watchman*. Is-Sindku għarraf ukoll li Simon Camilleri, assenjat mill-IPSL Ltd, ġie kkuntattjat biex jagħmel l-istess xogħol matul il-lejl.

2.1.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li tqiegħdu numru ta' *litter bins*, kif ukoll tlesta l-*open-air* gymnasium, filwaqt li għaddej ix-xogħol tal-madum fid-*dressing rooms*.

2.1.4. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll li kien hemm kuntatti bejn il-kuntrattur li ngħata l-kuntratt tar-*rubber flooring* u l-periti nkarigati mill-proġett, fejn ġiet diskussa l-possibilita` li l-ispażji li jifdal bejn il-*multi-purpose court*, il-korsa tal-ġiri u l-ħitan tal-ġnub, isir bil-lastiku, minflok il-*printed concrete*. B'dan il-mod ikun hemm aktar sigurta` għall-atleti. Il-periti M.P. & D.C. Ltd intalbu jagħmlu l-istimi u rriżulta li:

- Area A tal-*multi-purpose court* fiha 550 metri kwadri, filwaqt li Area Ċ madwar il-korsa tal-ġiri fiha medda ta' 1,121 metri kwadri;
- .Il-meded li m'humiex koperti bil-kuntratt huma l-Areas B li ddawwar il-*multi-purpose court li* fiha 371 metri kwadri u l-Area D mal-ġnub tal-korsa, li fiha medda ta' 410 metri kwadri oħra, li t-tnejn jammonta għal 781 metri kwadri;
- Dawn jinvolvu spiża ta' €14,058, bil-prezz ta' €18 kull metru kwadru għal kisja lastiku tat-tip EPDM;

- F'każ li dawn il-meded isiru bil-*printed concrete*, kif kien intenzjonat oriġinarjament, skont il-kuntratt mogħti mit-Taqsima tax-Xogħlijiet bir-rata ta' €31.00, il-prezz fir-rigward il-371 metri kwadri ta' madwar il-*multi-purpose court* jammonta għal €11,501, filwaqt li għall-410 metri kwadri ta' konkos b'0.15 mm ħxuna madwar il-korsa, li jinvolvu 61.50 metri kubi, bir-rata ta' €76, itellgħu spiża ta' €4,674. In-nefqa totali tammonta €16,175.
- Id-differenza bejn kisja lastiku tat-tip EPDM tiġi inqas mill-għażla tal-konkos b'€2,117.

2.1.5. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-ispiża addizzjonali fuq il-kuntratt tar-*rubber flooring* iffirmat ma' 240 Ltd ser tinvolvi varjazzjoni ta' inqas minn 20% tal-valur oriġinali. Tqies ukoll li bil-kisi tal-lastiku fil-ġnub taż-żewġ faċilitajiet ser tikber is-siġurta` għall-atleti. In vista ta' dawn ir-raġunijiet, il-Kunsill qabel unanimament li jawtorizza l-varjazzjoni fil-kuntratt.

## 2.2.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara illi ntemmet il-kordinazzjoni mal-entitajiet li għandhom servizzi għaddejin fil-misraħ, inbeda x-xogħol fuq il-proġett imsemmi billi bdiet titħaffer il-ġiebja li ser tieħu l-ilma tal-*water feature*.

2.2.3. Is-Segretarju għarraf ukoll li dan ġie notifikat ukoll lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kif ukoll intbagħtet kopja tal-kuntratt relattiv.

## 2.3.1. Arranġamenti tat-traffiku temporanji waqt ir-rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal stqarrija għall-istampa li nħarġet mill-Kamra tal-Kummerċ Għawdxija, flimkien ma' kummenti li saru mis-Sur Tarcisio Barbara mill-Armier Development Ltd. Dawn allegaw li huwa aġixxa arbitrarjament, billi mhux qed iħalli sidien ta' vetturi li mhumiex residenti milli jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa. Sussegwentement, inħarġet stqarrija biex tirribatti allegazzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ Għawdxija. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa kkonsulta lill-Kunsillier J. Buttigieg dwar dan l-iżvilupp sabiex jiġi aċċertat li jeżisti *consensus* mill-Kunsill kollu dwar dan, fis-sens li kien qed jinħoloq inkonvenjent kbir għar-residenti li joqgħodu wara l-knisja parrokkjali u għal dawk ta' Ġnien Ingraw. Huwa qal li għalkemm saret pressjoni qawwija fuq Transport Malta, l-arranġamenti prevalenti ġew introdotti b'approvazzjoni tal-istess awtorita` u għalhekk bl-ebda mod ma' kienu arbitrarji. Is-Sindku aċċenna li miżura oħra biex tnaqqas l-inkonvenjenżi hija l-konċessjoni li ngħatat lir-residenti u sidien li għandhom proprjeta` fi Triq Dun Franġisk Sciberras, illi qed jitħallew jibqgħu tilgħin għal Triq Ġorġ Borg Olivier u jduru għal Triq Adenau.

2.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li fil-waqt illi huwa jaqbel mal-posizzjoni addottata mill-Kunsill, jara li hemm lok ta' aktar titjib fl-arranġamenti temporanji li hemm fis-seħħ sakemm għaddej ix-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa. Huwa kompla jgħid li r-residenti ta' Triq il-Kappillan Magri, minn Triq San Pubbliju 'l isfel, għandhom jġawdu mill-istess konċessjoni li ngħatat fir-rigward ta' Triq Dun Franġisk Sciberras. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

2.3.4. Saret referenza għal *e-mail* datat 8 ta' Mejju 2012, mibgħut mill-uffiċjal għar-relazzjonijiet pubbliċi ta' Transport Malta, fejn intqal li l-awtorita` qed tħares lejn numru ta' alternattivi, wara l-ilmenti li saret referenza għalihom fil-minuta 2.3.2. Fosthom li l-vetturi żgħar ma jitħallewx jibqgħu tielgħin fi Triq il-Marfa, lill'hinn miż-żoni tas-Sellum/Ġerbulin, filwaqt li l-karozzi tal-linja jitħallew jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa. Flimkien ma' dan l-arranġament qed jiġi propost ukoll li jitħalla Gwardjan Lokali jew Uffiċjal tal-Infurzar fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa.

2.3.5. Is-Sindku kkummenta li l-arranġament propost minn Trasport Malta jirrikjedi żewġ postijiet li jridu jkunu mgħassa kontinwament. Jidher li l-iskop huwa li jiġi ffiltrat traffiku li ġenwinament ikun intenzjonat li jipproċedi saż-żoni Tas-Sellum u Ta' Ġerbulin. Kompla jgħid li wieħed jifhem l-intenzjoni wara din il-proposta, iżda jemmen li din ser tikkomplika aktar is-sitwazzjoni.

2.3.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jaqbel illi għandhom jinżammu l-arranġamenti li diġa hemm fis-seħħ, iżda min-naħa l-oħra għandu jsir sforz sabiex jiġu nfurzati restrizzjoni fuq l-ipparkjar li diġa huwa fis-seħħ fit-toroq ewlenin, kif ukoll li jiġu modifikati l-ħinijiet li matulhom titqassam il-merkanzija fil-ħwienet.

2.3.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li fiċ-ċirkustanzi għandu jibqa' kollox kif inhu, iżda ma ġiex eskluż li jitkomplew id-diskussjonijiet ma' dawk involuti, bil-għan li li jiġu identifikati alternattivi oħra li jkomplu jtaffu l-inkonvenjenzi.

### 2.4.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku għarraf li ngħataw struzzjonijiet lill-kuntrattur sabiex jinbeda x-xogħol, fuq tnejn mill-ħames kuntratti li ngħataw lill-kuntrattur Salamanda Ltd. Dawn l-istruzzjonijiet ingħataw wara li l-istess kuntrattur għadda l-garanziji bankarji relattivi. Fil-fatt dan beda bir-restawr tas-soqfa tal-irżieżet li hemm quddiem il-Palazz ta' Selmun.

2.4.3. Il-Kunsill ġie nfurmat li fl-24 ta' April 2012, saret intervista minn evalwaturi Ungeriżi mid-ditta KPMG, fuq inkarigu mill-Kummissjoni Ewropea. Fl-istess intervista ingħata tagħrif dwar il-proġett. Għal din l-intervista attendew is-Sindku R. Cutajar, il-*Contract Manager* il-Perit Joseph Attard u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fit-2 ta' Mejju 2012, is-Segretarju attenda wkoll laqgħa ma' uffiċjali mill-Aġenzija tal-Pagamenti fejn ta rendikont dwar it-tħejjijiet li saru biex seta' jinbeda x-xogħol fuq il-postijiet konċernati. Għal din il-laqgħa attenda wkoll uffiċjal mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Arranġamenti tat-Traffiku fi Triq Vincenzo Ciappara (T/3/2/Vol X)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa ġie nfurmat mill-prinċipal tal-Kulleġġ Maria Regina li l-għalliema fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa kienu qed jirrifjutaw li jieħdu t-tfal fil-*ground* Ta' Pennellu minħabba n-nuqqas ta' *pedestrian crossing* fi Triq Vincenzo Ciappara. Is-Sur R. Cutajar qal li dan l-atteġġjament mhux aċċettabbli meta jeżistu prekawzjonijiet li jistgħu jittieħdu faċilment biex jiġi evitat il-periklu għat-tfal.

2.5.3. Is-Sindku qal li diġa jeżistu numru ta' tabelli SLOW u SCHOOL AHEAD qrib l-iskola. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li tista' issir waħda fi Triq Napuljun Caruana Dingli, bejn Triq Sant' Elena u Triq Vincenzo Ciappara.

2.5.4. Is-Segretarju għarraf li Transport Malta, permezz ta' e-mail datat 16 ta' April 2012 ma jaqblux mal-proposta tal-*pedestrian crossing* peress li tkun wisq qrib żewġ salib it-toroq. Il-Contract Manager intalab jipprepara pjanta li tiddeskrivi l-proposta tar-rumble strips li kien hemm qbil fuqha fis-seduta preċedenti.

### 2.6.1. Servizzi Soċjali mogħtija mill-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali (K/1/3/Vol II)

2.6.2. Saret referenza għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti sabiex il-Kunsill jiġi mgħarraf li l-kumpanija TCTC Ltd kienet ipprovdiet kompjuter, filwaqt li nxtara *printer* sabiex jintuża mill-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali. Is-servizz ser jibda fil-11 ta' Mejju 2012 permezz ta' uffiċjali mid-Dipartiment li ser jattendu kull nhar ta' Ġimgħa.

2.6.3. Is-Sindku aċċenna li r-residenti ġew infurmati bis-servizz billi ntbagħtet ittra ffirmata mill-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja u minnu.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

2.7.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mill-President tal-Marsa Racing Club u talbu sabiex f'każ illi hemm xi bandli qodma li ser jinbidlu, dawn jingħataw lill-istess club ħalli jitpoġġew fl-area tal-korsa tal-Marsa. Is-Sur R. Cutajar fakkar li ser jinbidlu l-bandli kollha bl-eċċezzjoni taż-żiemel.

2.7.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li dawn kienu saru u huma kkunsidrati bħala proprjeta` tal-Malta Playing Fields Association. Għaldaqstant għandu jinkiseb il-kunsens tal-assoċjazzjoni, kemm-il darba din għadha tiffunzjona.

2.7.4. Il-Kunsill qabel maż-żewġ proposti mressqa.

### 2.8.1. Introduzzjoni ta' dwal fi Triq ir-Ramla tal-Bir (E/1/3/Vol VI)

2.8.2. Saret referenza għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u l-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' *e-mail* datat 24 ta' April 2012, il-General Manager tar-Ramla Bay Resort ikkonfermat li l-proprjetarji tal-lukanda lesti li jikkontribwixxu €15,000 mill-ispiża tad-dwal, bil-VAT inkluża.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.9.1. Tibdil f'rotot eżistenti u introduzzjoni ta' oħrajn ġodda tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7.2. tas-seduta preċedenti u aċċenna li tkomplew il-kuntatti ma' Transport Malta. Huwa spjega li meta jitlesta x-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa, ir-rotta 42 – Ċirkewwa/Valletta via Ħamrun – ser tgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira. Temporanjament ser tgħaddi minn Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw u Triq Qasam Barrani sakemm jitlesta x-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa.

2.9.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li r-rotta 44 – Ramla tal-Mixquqa/Valletta – ser tkun kull siegħa u tgħaddi mill-Manikata fi triqtha lejn l-Imġarr.

2.9.4. Saret referenza għall-minuta 4.7.3. biex ġie ċċarat li mhux ser ikun tibdil fuq ir-rotot – Ċirkewwa/Ġnejna, ħlief li bejn il-5.00am u d-9.00am u bejn it-8.00pm u l-11.00pm, is-servizz ser jitħaddem biss bejn il-Mellieħa u l-Imġarr.

2.9.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li mhux ser ikun hemm tibdil fuq ir-rotot 221 – Ċirkewwa/Buġibba u 222 - Ċirkewwa/Sliema via San Pawl il-Baħar. Rotta ġdida Nru. 225 ser tibdel man-numru 23 u ser taħdem bejn ir-Ramla tal-Mixquqa u x-Xatt tas-Sliema via San Ġiljan, minflok sal-Belt Valletta.

2.9.6. Il-Kunsill qabel mat-tibdil propost.

### 2.10.1. *Symposium* Internazzjonali dwar il-Piroteknika (K/12)

2.10.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-fatt li kien hemm konkorrenza tajba mill-pubbliku għall-wirja logħob tal-ajru li nħaraq minn Ġnien Ingraw u dak tal-art li ngħata f'Misraħ il-Parroċċa fil-25 ta' April 2012. Is-Sur R. Cutajar qal li din kienet okkażjoni li serviet bħala riklam tajjeb għall-Mellieħa. Ilmenta li l-uniku diżappunt kien il-qtugħ tad-dwal tat-toroq fi Triq Ġnien Ingraw u Triq l-Għollieqa. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa talab lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex tinvestiga dan in-nuqqas li ħarbat xi ftit l-arranġamenti li saru qabel.

### 2.11.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)

2.11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li b'rabta mal-akkwist tal-fond Nru. 6, Triq l-Madonna Ta' Fatima, fit-3 ta' Mejju 2012 saret spezzjoni mill-Assistent Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali – is-Sur Silvio Frendo – billi l-istess Dipartiment qed jikkonsidra l-ħruġ tal-permess tiegħu qabel jiġi ffirmat l-att finali.

2.11.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 2.12.1. Premijijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2011 (F/1/7/Vol III)

2.12.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li n-nominazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ġiet ikklassifikata fit-tieni post u b'hekk rebħet premju ta' €20,000 li €12,000 minnhom ġew ippreżentati b'ċekk waqt is-serata li saret fil-lukanda Dragonara fit-13 ta' April 2012.

2.12.3. Is-Sindku R. Cutajar spjega li n-nominazzjoni kien imsejsa fuq it-tragwardi li l-Mellieħa qed timmira għalihom, permezz tal-inizjattivi li qed jittieħdu mill-Kunsill Lokali. Peress li din kienet ibbażata fuq attivitajiet li għad jridu jseħħu, bħalma huma l-Iljieli Melleħin 2012, il-bqija tal-flus jitħallsu hekk kif dawn l-attivitajiet jintemmu b'suċċess.

2.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### *2.13.1.Proġett Bridging Age Gaps through EU Funding* (P/10/1/Vol IV)

2.13.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi l-attivita` li saret fit-29 ta' April 2012, li fiha ħadu sehem it-tfal tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa u l-anzjani ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa, marret tajjeb. Flimkien miegħu attendew għaliha l-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja l-Onor. Chris Said, il-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjegi l-Onor. Dolores Cristina u l-Kummissarju tat-Tfal is-Sinjura Helen D'Amato.

2.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.14.1.*Eco-School National Operators Meeting* 2012 (K/11/1)

2.14.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u qal illi minħabba li l-vot 3320 tal-konferenzi fl-Estimi għas-sena 2012 jammonta għal €8,000 saret applikazzjoni mal-Ministeru tal-Finanzi u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu taħt l-iskema tal-konferenzi, sabiex jinġiebu fondi addizzjonali bil-għan li jsostnu s-sehem li jrid jagħti l-Kunsill f'din il-konferenza msemmija.

2.14.3. Il-Kunsill innota u approva din l-inizjattiva.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 02/05/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 06/04/12 – 02/05/12;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tmexxija ta' proprjeta` devoluta (A/6/7/3)(A/6/7/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal ittri mibgħuta mid-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern tal-10 ta' April 2012, fejn l-istess taqsima tat il-kunsens tagħha sabiex id-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa u l-beni relatati mal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ jitmexxew mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar u l-Fundazzjoni ARKEO, rispettivament.

4.1.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp, li għandu jwassal għat-tfassil ta' ftehim dwar it-tmexxija tal-beni msemmija.

### 4.2.1. Talba għad-danni fuq vettura fi Triq Daħlet ix-Xmajjar (D/5/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 16 ta' April 2012, mibgħut minn Rueben Grech illi talab il-likwidazzjoni tad-danni li huwa sofra wara li ħabat il-qiegħ ta' vettura tiegħu Nru. LCI 282 waqt li kienet qed tinstaq fi Triq Daħlet ix-Xmajjar fl-14 ta' April 2012. Huwa allega li dan l-inċident ġara wara li r-rota tal-vettura waqgħet f'ħofra fonda li kien hemm fit-triq. Il-vettura kellha tiġi rmunkata minn fuq il-post. Huwa għadda riċevuta biex jipprova dan.

4.2.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni l-Artiklu 33 (1) tal-Att XV tal-1993, u kien tal-fehma li ma jistax jinżamm responsabbli għall-ebda danni, peress li t-triq in kwistjoni qatt ma kienet asfaltata.

### 4.3.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Qarnit (T/3/2/Vol IX)

4.3.2. Saret referenza għal talba mill-operatur ta' Luna Mini-Market li jinsab fi Triq il-Qarnit. Huwa lmenta li l-istess triq tkun okkupata kollha b'vetturi pparkjati, partikularment fil-perjodu bejn Ġunju u Ottubru u b'riżultat ta' dan qed tiġi mblukkata t-triq meta jsir il-ħatt tal-merkanzija fl-istess ħanut.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex jiġi allokat post għall-ħatt u tagħbija, bejn Ġunju u Ottubru mill-10.00am sas-1.00pm.

### 4.4.1. PA 0996/12 – Bejgħ u ħażna ta' ċilindri tal-gass (P/5/8/E)

4.4.2. Inġibdet l-attenzjoni dwar l-applikazzjoni msemmija li saret lill-MEPA, illi tinvolvi l-bejgħ u l-ħażna ta' ċilindri tal-gass mill-fond Nru. 7, Triq l-Etna.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jwassal it-tħassib tiegħu lill-MEPA dwar il-bdil fl-użu tal-garaxx in kwistjoni għal għan imsemmi, u għalhekk l-awtorita` għandha tagħmel il-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-Awtorita` dwar ir-Riżorsi, li hija r-regolatur fuq dan il-qasam.

### 4.5.1. Garanżiji bankarji mitluba mill-MEPA (P/5/4/Vol II)(P/10/3/Vol III)(P/4/18/Vol II)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 30 ta' April 2012 mibgħut mill-Kontrollur Finanzjarju tal-MEPA fejn għarraf lill-Kunsill illi s-seba' garanziji bankarji li għamel il-Kunsill għaf-favur l-awtorita`, kienu ser jiġu rilaxxjati. Dan peress li l-obbligazzjonijiet tal-Kunsill Lokali li joħorġu mill-kundizzjonijiet inklużi fil-permessi elekati hawn taħt issa ser ikunu koperti permezz ta' *letter of understanding* maħruġa mill-Gvern Ċentrali fl-20 ta' Marzu 2012. Il-permessi affettwati b'din il-*policy* jinvolvu s-segwenti:

| Nru. tal-Permess | Garanzija / Proġett |
|---|---|
| PA 6834/00 | G53TFC686 - Gnien l-Gholjiet |
| PA 2368/09 | G53TFC27508 - *SelmunHeritage Trail* |
| PA 2370/09 | G53TFC28471 - *SelmunHeritage Trail* |
| PA 2371/09 | G53TFC26920 - *SelmunHeritage Trail* |
| PA 2372/09 | G53TFC26932 - *SelmunHeritage Trail* |
| PA 2374/09 | G53TFC26937 - *SelmunHeritage Trail* |
| PA 2377/09 | G53TFC26940 - *SelmunHeritage Trail* |

4.5.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-garanzija bankarja li ntalbet dwar il-*Heritage Trail* tal-Manikata – PA 0023/12 – ser tkun koperta bl-istess mod.

4.5.4. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 4.6.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)

4.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għal *e-mail* datat 10 ta' April 2012 fejn tħabbar li fit-18 ta' Mejju 2012 kellha ssir il-laqgħa ġenerali tal-fondazzjoni. Huwa spjega li fost ix-xogħol trattat f'din il-laqgħa kien hemm il-ħatra jew konferma ta' membri li jirrappreżentaw il-Kunsilli Lokali. Huwa spjega li 49% tal-membri jirrappreżentaw lill-kunsilli lokali, filwaqt li 51% ġejjin mill-qasam tas-*self-employed* u organizzazzjonijiet mhux governattivi. Skont l-istatut, żewġ rappreżentanti mill-kunsilli lokali jridu jżommu posthom, intiża sabiex ikun hemm kontinwazzjoni fil-ħidma tal-fondazzjoni, din is-sena kien imiss li r-rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali tal-Imġarr u Ħal Lija li jżommu posthom. Ir-Rappreżentant tal-Mellieħa kien Dr Gordon Cordina, li l-post tiegħu ser jittieħed mis-Sindku Robert Cutajar.

4.6.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 4.7.1. Bejgħ ta' appartamenti tal-Gvern (B/7/Vol II)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 2 ta' Mejju 2012, mibgħut mill-Awtorita` tad-Djar dwar konferenza li ngħatat fis-7 ta' Mejju 2012 mill-Ministru Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja – l-Onor Chris Said. Is-Sur R. Cutajar, qal li fl-istess konferenza tħabbar li l-appartamenti li nbnew fi Triq Mons. Gużeppi Schembri ser jinbiegħ lill-pubbliku u jitħallsu gradwalment fuq medda ta' snin.

4.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.8.1. Konferenza tal-EDEN *Steering Committee* 2012 (T/12/2)

4.8.2. Is-Sindku għarraf li bħas-snin preċedenti huwa ġie mistieden sabiex jattendi l-konferenza annwali msemmija, li ser issir fit-30 ta' Mejju 2012 fi Brussel. Huwa qal l-ispejjeż tat-titjiriet u l-akkomodazzjoni ser jitħallsu lura mill-Kunsill tal-Ewropa.

4.8.3. Il-Kunsill approva l-attendenza tas-Sindku għall-konferenza.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 2 ta' Mejju 2012.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn is-6 ta' April u l-2 ta' Mejju 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Animal Fest 2012 (A/5/3/Vol X)

7.2. Il-Kunsillier H. Fenech ppropona li l-edizzjoni 2012 tal-Animal Fest tkun tinkludi kant u żfin, filwaqt li ser jintramaw *stands* bl-annimali u tjur. Ser isir stedina lill-Pulizija sabiex jagħmlu wirja bil-klieb, kif ukoll ikun hemm l-opportunita` li wieħed jirkeb iż-żwiemel. Huwa qal li l-attivita` mistenni tibda fid-9.00am u tintemm fl-4.30pm.

7.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ u l-Iljieli Melleħin 2012 (A/5/5/Vol IV)(A/5/3/5/Vol IV)(P/10/18)

8.2. Is-Sindku ppropona li t-tħejjijiet għal din l-attivita`, jiġu delegati lill-Kunsillier J. Buttigieg. Huwa għalhekk talab li jsiru l-kuntatti meħtieġa mal-għaqdiet u l-individwi li normalment jieħdu sehem sabiex fost oħrajn tiġi stabbilita d-data.

8.3. Dwar l-Iljieli Melleħin 2012, is-Sur R. Cutajar fakkar illi l-edizzjoni li jmiss ser tkun bejn is-16 u d-19 ta' Awwissu. Huwa ippropona li dawn jinfetħu b'serata mużiko-letterarja u l-kxif tal-bust tal-pittur George Fenech. Fit-18 ta' Awwissu l-attvitajiet ser jaħbtu mal-barbecue li jiġi organizzat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina f'Misraħ il-Parroċċa. Huwa ppropona wkoll tindif volontarju fil-Bajja tal-Għadira, spettaklu minn talent mużikali Mellieħi, fost oħrajn. Aċċenna għall-finanzjament mitlub permezz tal-Programm *Europe for Citizens* tal-Unjoni Ewropea, sabiex jagħmel tajjeb għall-parteċipazzjoni tal-lokalitajiet ġemellati ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa. Is-Sur R. Cutajar qal li aktar dettalji jingħataw fis-seduta li jmiss

8.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 9.1. Programm tal-UE *Youth in Action* – Proġett *Young@Heart* (P/10/15)

9.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għal ittra datata 27 ta' April 2012, fejn l-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea għarrfet li kienet approvat il-finanzjament tal-proġett MT-11-E5-2012-R1, bl-isem "Young@Heart" taħt il-*Youth in Action Programm*. Sussegwentement intbagħat il-ftehim relattiv li jipprovdi għal għotja ta' €17,686.20.

9.3. Huwa fakkar li dan il-proġett ser jinvolvi bejn 25 u 30 żgħażagħ ġejjin mil-Latvia u r-Rumanija u ser jitwettaq f'Malta bejn il-15 u l-24 ta' Mejju 2012.

9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 10.1. *Blue Flag* status għall-Bajja tal-Għadira (X/1/1/Vol II)

10.2. Is-Sindku għarraf illi l-applikazzjoni msemmija, li saret mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex il-Bajja tal-Għadira tingħata l-istatus ta' *Blue Flag*, kienet ġiet aċċettata, filwaqt li r-Ramla tal-Mixquqa u l-bajja privata quddiem il-lukanda Paradise Bay ġew mgħollija għal-livell ta' *Beach of Quality,* peress li ssodisfaw 70% tal-kriterji stabbiliti. Is-Sur R. Cutajar qal li ser issir ċerimonja tat-tlugħ tal-bandiera bil-logo tal-*Blue Flag* fl-Għadira fil-15 ta' Gunju 2012 fil-preżenza ta' uffiċċjali mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u n-*Nature Trust*, li huma r-rappreżentanti tal-*Blue Flag Organization* f'Malta.

10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 11.1. Arranġamenti permanent tat-traffiku fil-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

11.2. Is-Sindku aċċenna li fit-2 ta' April 2012, Transport Malta kien ressqet memorandum intern lill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, fejn ġew identifikati d-diverġenzi li hemm bejn il-proposti mressqa mill-Kunsill u l-opinjoni tal-Awtorita`. Is-Sur R. Cutajar qal li issa l-affarijiet waslu fi stat li jeħtieġ tittieħed deċiżjoni finali mill-Ministeru konċernat. Għaldaqstant l-istess Ministeru talab l-opinjoni uffiċjali tal-Kunsill qabel din tittieħed. Huwa qal li l-posizzjoni tal-awtorita` ġiet evalwata aktar bir-reqqa b'konsultazzjoni ma' Adi Associates u rriżulta li l-Kunsill għandu jibqa' jisħaq fuq in-nuqqasijiet li kien hemm fil-memorandum, ossija l-punti segwenti:

- Konsiderazzjonijiet ambjentali ma ngħatawx l-importanza misħoqqa bħal fil-każ tal-oġġezzjonijiet li saru minn uħud mir-residenti flimkien mal-komunita` kummerċjali;
- L-ilmenti li saru mir-residenti dwar it-tnaqqis fil-valur tal-proprjeta` tagħhom ma jreġġix;
- Ir-ritratt li ntuża fil-memorandum kien juri sitwazzjoni kaotika tat-traffiku tipika li kienet tiżvolġi fi Triq Ġnien Ingraw qabel twaħħlu aktar tabelli, kif ukoll qabel ġiet introdotta sistema ta' *one-way* fi Triq Mons. Indri Fenech, Triq il-Wied u f'parti minn Triq Ġnien Ingraw, b'konsultazzjoni mal-awtorita`. L-istess arranġamenti introduċiethom Transport Malta wara li pproponihom l-Kunsill;
- Il-memorandum joġġezzjoni għall-introduzzjoni tal-iskema proposta mill-Kunsill, anke għal żmien ta' prova ta' erba' xhur, minħabba raġunijiet ta' sigurta`. Dan meta attwalment qed titħaddem sistema ta' *one-ways* temporanji waqt li għaddejin ix-xogħlijiet fuq Dawret il-Mellieħa. Din tal-aħħar hija għal perjodu itwal, filwaqt li qed ikollha tlaħħaq ma' volumi ikbar ta' traffiku, peress li Dawret il-Mellieħa hija magħluqa totalment;
- A bażi tal-istudju li sar minn Adi Associates, huwa rakkomandat li vetturi kbar għandhom jitħallew biss fit-toroq ewlenin bejn l-10.00am u nofsinhar, u bejn is-2.00pm u l-4.00pm matul il-ġimgħa, u fis-Sibtijiet bejn nofsinhar u t-3.00pm. Fil-ħinijiet l-oħra m'għandhomx jitħallew jidħlu jew jieqfu vetturi kbar fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Dan l-istudju, li ġie kkummissjonat mill-Kunsill, tħalla ġie njorat għal kollox fil-memorandum li tressaq minn Transport Malta lill-Ministeru konċernat;
- Għaldaqstant għandhom jitwaħħlu tabelli fiż-żewġ trufijiet ta' Triq Ġorġ Borg Olivier bil-kliem:

  > *"No Entry for Heavy Vehicles Except for Public Transport Vehicles at All Times and to Render a Service – Monday to Friday: 10.00-12.00; 14.00-16.00 – Saturday: 9.00-13.00".*

- Hekk kif jintemm ix-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa għandhom jitwaħħlu tabelli fil-bidu ta' Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieħa bil-kliem:

  > "*No Entry Restrictions for Heavy Vehicles Apply to Triq Ġ. Borg Olivier – Use Mellieħa* ***Bypass Instead***".

- Tiġi ntrodotta karreġġjata separate fiżikament minn qabel ir-*roundabout* fit-telgħa ta' Selmun sabiex tagħti direzzjoni diretta lejn Triq Lewis Wettinger, filwaqt li tittieħed miżura simili fl-Għadira fejn il-lukanda Seabank, skont il-proposta mressqa lill-MEPA – PA 0333/09;
- Jitkomplew id-diskussjonijiet ma' Transport Malta dwar l-introduzzjoni ta' *tidal flow traffic light system*, li talterna d-direzzjoni permezz tat-*traffic lights* skont il-ħtieġa. Dan sakemm tali arranġament ikun jinvolvi l-parti id-dritta tat-triq, filwaqt li jittieħdu miżuri li jnaqqsu l-veloċita` tat-traffiku. Dan minħabba li din il-parti tat-triq hija l-aktar waħda kritika, u b'hekk ikun jista' jsir ipparkjar fuq naħa waħda mingħajr ma jinħoloq ingombru.

11.3. Il-Kunsill qabel unanimament mal-punti msemmija u għalhekk talab sabiex jiġu komunikati lill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2012, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**